MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 82/2008

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta' Frar, 2008 li permezz tiegħu l-attriċi *proprio et nomine* esponiet bil-qima u bil-ġurament ikkonfermat:

Illi hija kellha relazzjoni ntima għal madwar sitt snin ma' B, *gia'* detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru omissis u frott ta' din ir-relazzjoni twieled il-minuri X nhar is-27 ta' Ottubru tas-sena 2003;

Illi B għadda għal ħajja oħra nhar l-4 ta' Jannar, 2008 wara diżgrazzja fuq il-post tax-xogħol;

Illi huwa ma kienx għadu rrikonoxxa lill-minuri X bħala ibnu;

Illi din dejjem kienet ix-xewqa tiegħu;

Illi wara mewtu, C, iż-żewġt itfal ta' oħtu l-mejta, kif ukoll il-ġenituri tiegħu wrew ix-xewqa li l-minuri X jiġi formalment rikonoxxut bħala iben B;

Illi minħabba li l-mibki B kien laħaq ġie midfun, sar rikors fl-atti ta' l-inkjesta dwar il-mewt traġika tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex jiġu ppreservati l-kampjuni tad-demm biex minnhom ikunu jistgħu jsiru t-testijiet tad-DNA;

Illi fil-fatt, il-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Giovanni Grixti laqgħet it-talba u ddegretat billi ordnat lill-Espert Dr. Michael Sammut sabiex jippreserva bl-aħjar mod u għal żmien indefinit l-istess kampjun, liema kampjun ikun suġġett għall-eżami tad-DNA biss kif tidderieġi l-Qorti Ċivili kompetenza Volontarja;

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1) Tordna li jsiru t-testijiet tad-DNA fuq il-kampjuni tad-demm ta' B miżmuma mill-espert Dr. Michael Sammut;

2) Tiddikjara li l-mibki B huwa l-missier naturali tal-minuri X;

3) Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fl-estratt tat-twelid tal-minuri X li jġib in-Numru 3858 tas-sena 2003 mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fis-sens illi jiġu sostitwiti l-kiem '*unknown father*' bil-kliem 'B'.

Rat il-lista tad-dokumenti u l-listi tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fis-27 ta’ Marzu, 2008, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponent m’huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li r-rikorrenti tispeċifika d-dettall ta’ kemm kellu eta’ l-allegat missier naturali d-*decuius* B u fejn kien residenti fid-data tat-twelid tal-minuri, sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu nseriti flimkien mat-dettalji l-oħra fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi fir-rigward tat-tielet talba dedotta fir-rikors, l-esponent jixtieq jiċċara li jekk tintlaqa’ t-talba, il-korrezzjoni ssir fil-kopja ta’ l-oriġinal ta’ l-att tat-twelid fir-Reġistru u sussegwentement din il-korrezzjoni tiġi riflessa fl-estratt ta’ l-Att tat-Twelid.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta’ l-intimat, li għaldaqstant m’għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta’ l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x’jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ ammissjoni ta’ C, ippreżentata fit-28 ta’ Marzu, 2008.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament ir-rapport ta’ l-esperta tad-DNA debitament maħluf.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Mejju, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob li jiġi korrett iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri msemmi. Dan billi jitniżżel l-minuri X bħala iben il-mejjet B.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet <u>Josianne Giusti vs Pierre Giusti et</u> deċiża fis-16 ta’ Frar, 2001 kienet qalet hekk:

“*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f’dak iż-żmien ma kellhiex x’taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost oħrajn 30 ta’ Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta’ l-omm li minkejja li waħeda mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma’ dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f’moħħ il-Qorti dwar il-paternita’ tat-tarbija.*”

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f’din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba attriċi, anke tenut tat-test tad-DNA li seta’ jsir billi ġie preservat kampjun tad-demm tal-mejjet b’ordni tal-Qorti tal-Maġistrati billi l-mewt ta’ l-allegat missier saret *tramite* diżgrazzja.

**Għaldaqstant il-Qorti fl-ammissjoni tal-konvenuta:**

**1. tiddikjara lill-mejjet B missier naturali tal-minuri X;**

**2. tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji fl-atti tat-twelid**

**numru 3858 ta’ l-2003 billi jiġu mniżżla l-konnotati ta’ l-istess B minflok missier mhux magħruf, liema konnotati huma ndikati a fol 38 tal-proċess.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------